MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 111/2008

**Francis Brincat ID 593930(M)**
**u martu Emma Brincat ID 8633(M)**

**Vs**

**Josef Grech ID 445871(M)**
**u martu Flora Grech ID 412672(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbu sabiex l-intimati jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lir-rikorrenti:

(1) is-somma ta' hames telef mitejn u erbgha u ghoxirn euro u tmienja u sebghin euro centezmi (€5,224.78) (ekwivalenti ghall-elfejn mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin Lm2243) rapprezentanti arretrati ta' kera tal-fond sebgha u tmenin (87) Luqa Road Paola, ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija

disgha u disghin (1999) u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000), data li fiha rritornajtu c-cwievet tal-fond fuq imsemmi, oltre l-imghax legali mill-wiehed u tletin (31) ta Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv; u
(2) is-somma ta' tlett elef sitt mija u disgha u disghin euro u disgha u sebghin euro centezmi (€3,699.79) (elf hames mija tmienja u tmenin liri Maltin u tnejn u tlettin centezmi Lm1588.32) rapprezentanti imghax legali fuq is-sorte kanonizzat b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata tnax (12) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007), kalkolati mis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin u cjoe id-data li fiha gietipprezentata ic-citazzjoni fl-imsemmija kawza, oltre l-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali datati wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) rispettivament.

Rat ir-rispsota tal-konvenuti konjugi Grech (fol 9 tal-atti u li biha esponew bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156© u 2156 (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mhuwiex dovut u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2009 u li biha giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif proposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun illi, l-ewwel nett, issir referenza ghas-sentenza gja msemmija moghtija mill-Prim'Awla fit-12 ta' Lulju 2007 (fol 21 et seq ibid). L-istess sentenza (citaz numru 1986/98AL) presentata fis-7 ta' Ottubru 1998) kienet tinvolvi l-istess partijiet u l-post msemmi f'dan ir-rikors. Kif jidher mill-istess sentenza, dan il-post kien gie mikri mir-rikorrenti lill-intimati skond l-iskrittura esebita, f'dawn l-atti a fol 53 et seq ibid u li gie miftehma fl-ewwel (1) ta' Dicembru 1992. Skond kif risultanti mill-istess sentenza, ic-cavetta tal-post in kwistjoni kienet inghatat lura lir-rikorrenti mill-intimati fil-mori tal-istess kawza deciza ... u precizament fis-27 ta' Gunju tas-sena 2000.

Sussegwentement il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet, biss, iddeciediet il-kaz, limitatament ghall-hlas ta' arretrati ta' kera ammontanti ghal Lm2,200 ossija l-iskadenzi li ghalqu fl-1 ta' Lulju 1997, fl-1 ta' Ottubru 1997, fl-1 ta' Jannar 1998, fl-1 ta' April 1998, fl-1 ta' Lulju 1998 u fl-1 ta' Ottubru 1998. Dwar dan l-ammont, l-istess rikorrenti odjerni xehed (fol 43 u fol 59 et seq ibid) illi kien sar il-hlas izda ghad hemm dovut, skond ir-rikors in esami l-imghax mis-7 ta' Ottubru 1998 (u mhux 1988) kif hemm imnizzel fir-rikors in esami) id-data tal-presentanta tac-citazjoni sakemm sar il-hlas ta' din is-somma.

Illi, inoltre l-attur specifika li ghandu jithallas l-ammont specifikat fl-ewwel (1) talba ossija arretrati ulterjuri u mhux imhallsin ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sas-27 ta' Gunju 2000, id-data meta l-konvenuti taw lura lill-istess atturi ic-cwievet tal-istess post.

Ikkunsidrat

Illi meta xehed il-konvenut (fol 50 et seq ibid) dan semma', illi meta il-ftehim ta' lokazzjoni kien ghadu 'in vigore', hu xtaq jissolloka l-istess post ossija hanut lill-terza persuna, izda, dwar dan, ma kienx intalahaq ftehim mal-attur minhabba li dan ried jbiddel xi kondizzjoni fil-kirja. Inoltre, hadd ma kien accetta li hu jigi kompensat, ghall-miljoramenti li saru, fl-istess post, minnu. In kontro esami jigi notat li l-konvenut stess qal illi l-ammont ta' arretrati ta'

kera, gja kanonizzat, kien thallas minnu fil-31 ta’ Lulju 2002 minghajr ma gie dikjarat li kien ‘a saldu’.

Ikkunsidrat

Illi fil-mertu, l-konvenut issottometta eccezzjoni’ … vaga u msejsa minn dettalji fis-sustanza’ (ara fol 39 ibid). Anke meta xehed, kif hawn fuq rassunt, il-konvenut ma sottometta xejn sabiex jikkjarifika din l-eccezzjoni jew sabiex jikkjarifika din l-eccezzjoni jew sabiex jiggustifika, b’xi mod, il-ghala hu u martu ma ghandhom jaghtu xejn lill-atturi.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-ewwel (1) talba hi pjenament pruvata u gustifikata. Pero jigi rilevat illi,kif jidher miz-zewg ittri ufficjali esebiti a fol 17 u fol 19 ibid presentati fil-31 ta’ Lulju 2002 u fl-13 ta’ Novembru 2006 l-ammont ta’ kera li kien mitlub, ghall-istess perjodu kien Lm2040 u mhux Lm2242, kif mitlub fir-rikors in esami. Ghalhekk din il-Qorti ser taccetta l-ammont inferjuri bhala dovut.

Illi, dwar it-tieni (2) talba jidher li gie pruvat li l-ammont specifikat hu dovut bhala imghax ghall-perjodu bejn is-7 ta’ Ottubru 1998 sa l-31 ta’ Lulju 2002 liema imghax jirreferi fuq l-ammont di gja kanonizzat. Pero l-Qorti ma sabet l-ebda gustifikazzjoni legali sabiex fuq dan l-ammont jithallas xi imghax ulterjuri ossija imghax u fuq l-imghax (c/a l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, waqt li tichad it-tieni (2) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti tilqa’ t-talbiet attrici kif ridotti u limitati u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur:-

a) is-somma ta’ Lm2040 ossija €4751.92 bl-imghax legali mill-31 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-pagmanet effettiv.
b) Is-somma ta’ €3699.79 ekwivalenti ghal Lm1588.32 u din minghajr imghax ulterjuri.

In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-31 Lulju 2002 u tat-13 ta' Novembru 2006 dawn kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------